# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 510/2015**

Il-Pulizija

vs

**Omissis**

**Damien Bronsdijk**

iben Mark, imwieled Pieta', fit-12 ta' Jannar, 2000, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 19500(L)

Illum, 16 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Damien Bronsdijk quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli talli nhar it-28 ta' Novembru, 2014 ghall habta tal-12:15 ta' wara nofsinhar gewwa l-lokalita' tal-Hamrun:

1. Hebbew ghall-persuna ta' Irwin Agius u ikkaggunaw griehi ta' natura hafifa skont ma' ccertifika Dr. Glenn Garzia (Reg. No 3226) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bi ksur ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Irwin Agius ai termini tal-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghom u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien disgha xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti Damien Bronsdijk ipprezentat fit-12 ta' Novembru, 2015, fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni per Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D tas-6 ta' Novembru, 2015 billi *tirrevokaha* in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontrih u konsegwentement *tilliberah* minn kull piena u htija skont il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha *tikkonferma* s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

(1) Illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha kontra l-appellant fuq il-fatt li l-verzjoni ta' Irwin Agius hija korroborata ma' dik ta' Kitcher.

Illi qabel xejn jigi rilevat li dan ix-xhud ma setgha jaghraf lil hadd, lanqas lill-appellant.

Illi sekondarjament, l-Ewwel Qorti stess tirrikonoxxi li Kitcher jghid li kien hemm tnejn qed izommu lil Irwin Agius filwaqt li Irwin Agius innifsu jghid li l-appellant biss kien

qed izommu. Izda l-Ewwel Qorti tghid li xorta hija sodisfatta li xi hadd kien qed izomm lil Irwin Agius filwaqt li xi hadd iehor kien qed jaghtih.

**Illi bl-akbar rispett, il-kamp penali jehtieg mhux prova li fuq bilanc ta' probabilitajiet huwa possibli jew verosimili li l-akkadut gara, izda li l-akkadut gara lilhinn minn kull dubju ragonevoli.**

Illi jsegwi li ghalkemm fatt m'ghandhux ghalfejn jigi ppruvat lilhinn minn kull dubju possibli, xorta jezisti grad ta' certezza – u f'dan il-kaz dan il-grad qatt u qatt ma ntlahaq ghas segwenti ragunijiet:

a) L-ewwel minhabba il-fatt li Irwin Agius jghid li l-appellant zammu, izda ma jaghti ebda dettalji ohra u jidher li hu stess ghandu dubji;

b) It-tieni minhabba l-fatt li l-appellant kategorikament, f'kull stadju, inkluz waqt l-istqarrija *a tempo virgine*, jichad l-involviment tieghu;

c) It-tielet minhabba li l-akkuzat l-iehor jikkonferma li l-appellant ma kellu ebda involvement;

d) Ir-raba minhabba l-fatt li kien hemm minn ta lanqas erba' subien ohra prezenti fil-post u ghalhekk kienet sitwazzjoni aktar nebuluza jew imgerfxa;

e) Il-hames minhabba l-fatt li Kitcher stess mhux car u mhux qed jixhed b'mod tajjeb peress li ebda xhud ma xehed li zewg persuni kienu qed izommu lil Irwin Agius;

f) U finalment minhabba l-fatt li meta hemm sitwazzjoni fejn jezisti dubju, li huwa wiehed kbir, dan ghandu jmur favur l-akkuzat, u mhux bil-kontra li f'kaz ta' dubju jehel l-imputat;

(2) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' **Cesare Beccaria**:[1]

*"...che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso...,"*

l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu sommarju u ghalhekk ix-xiehda tal-persuni li offrew li jghidu l-versjoni taghhom tal-fatti ma gietx traskritta.

Illi din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi kollha mresssqa quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulta mill-ebda wiehed mix-xhieda li l-appellant kellha x'jaqsam ma Irwin Agius. Hu veru li l-appellant kien prezenti ghall-incident izda min imkien ma jirrizulta li hu kellhu xi sehem attiva f'dak li gara lill-parte civile.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Damien Bronsdijk. Thassar u tirevoka s-sentenza appellata u ghalhekk tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

---

[1] 'Dei Delitti e Delle Pene' Livorno, 1833, pp.59-60.